**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 16/IX/2025**

**Il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**16.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**16.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

16.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

16.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 15 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

16.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

16.3.3 Il-minuti ġew approvati.

**16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntratt il-ġdid tat-tindif tat-toroq jista' jibda mill-1 ta' Diċembru, 2025. Il-membri qablu.

16.4.2 Is-Sindku qal li ġiet aċċettat l-applikazzjoni li saret mill-grant ta' Eko-Għawdex għar-restawr ta' siti storiċi. Dawn huma €13,490.35 għar-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja u l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fuq il-knisja tal-kunvent tal-Kapuċċini, €7,773.25 għar-restawr tan-niċċa ta' san Alwiġi Conzaga ta' Trqi Karita' u €8,174.45 għan-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Pjazza Savina. Il-membri qablu li tinħareġ l-offerta għal dan ix-xogħol.

16.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa appliakzzjoni mill0iskema tal-LESA mat-tieni sejħa – Proġetti fil-Komunitajiet – Programm 2024/2026. L-applikazzjoni tkopri l-proġett ta' riġenerazzjoni tal-ġnien ta' Qasam San Ġorġ.

16.4.4 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'ċertifikat ta' rikonoxximent talli jipparteċipa fil-programm eko-skola mal-iskoal Santa Tereża.

16.4.5 Is-Sindku qal li l-ġurnata li ġiet organiżżata għall-anzjani kienet success u rringrazja lill-membru Tabone u l-Assistant Principal Georgine Farrugia li ħadu ħsieb l-attivita'.

16.4.6 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-bordijiet t'aġġudikazzjoni tal-offerti. Billi l-persuna likienet tieħu ħsieb dawn il-bordijiet ma tistax tibqa taħdem fuq hekk, hu ssuġġerixxa li l-offerta tal-arkejolĠija tal-proĠett ta' Pjazza Santu Wisitin jieħdu ħsiebha Unique Services. Il-membri qablu. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li meta jinbeda l-proġett ta' Pjazza Santu Wistin, tinstab alternattiva ta' parkeġġ għar-residenti tal-inħawi.

16.4.7 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li ltaqa maċ-ċerman tal-GRDA, Ivan Falzon fejn fost oħrajn ġie diskuss studju kkummisjonat mill-GRDA li jitratta t-traffiku fiċ-ċentru tar-Rabat. Ġie nnutat u kif kien issuġġerixxa l-Kunsill, jiġi propost li jitneġġew l-open top buses u l-bus stops minn Triq Repubblika.

**16.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispoindenza mingħand:-

16.5.1 l-Assistent Direttur (proġetti) *Maintenance & Public Cleanisng Directorate* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward pjan t'azzjoni fejn intalbet lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali jixtieq li jsiru bit-tarmac. Din il-lista ntbgħtet u qed tiġi aġġornata;

16.5.2 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali - Ċirkulari 07/2025, Inizjattiva – Apprezzament tal-Mużika fi Klabb 3-16;

16.5.3 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali li ġobdet la-ttenzjoni rigward procurement check DLG 36/2024 li titratta ħlasijiet fuq servizzi u xogħolijiet ta' Savio Bugeja. Il-membri qablu li tinħareġ offerta għas-servizz ta'xogħolijeit fit-toroq. Il-kundizzjonijet speċifiċi tal-offerta jinħadmu bl-għajnuna ta' Unique Services;

16.5.4 id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fi ħdan id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward numri ġodda ta' bibien – nru 1469 – 1479 mill-Gażżetta tal-Gvern Numru 21,508 tad-19 ta' Settembru li tirrigwardja t-tismija tat-triq ġdida, Triq Swor Marcellina Tabone;

16.5.5 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward PA/03512/25 – proposed parlket for tables and chairs, Vanilla+, Triq taħt Putirjal. Transport Malta resqet l-oġġezzjonijet tagħha u l-Kunsill qabbad lill-Perit sabiex isegwi l-appell mal-Awtorita' tal-Ippjanar għan-nom tiegħu;

16.5.6 is-sid ta' 125, Triq Repubblika fejn permezz ta' notifika taħt sezzjoni 71(4) tad-Developemnt Planning Act, 2016, il-Kunsill Lokali ġie mgħarraf li qed jiġu propsoti mwejjed u siġġijet quddiem ristorant class 4D li kien approvat permess ta' PA/26781/23. Il-Perit tal-Kunsill qal lill-Kunsill li din in-notifika suppost intbgħatet lill-Awtorita' tal-Artijiet, peress li din l-Awtorita' hi sid l-art fejn qed jiġi propost l-iżviluppp;

16.5.7 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward EC/00156/25 dwar ksur tal-kontroll tal-ippjanar, f''Lucia Crt', Triq Patri Ġiaċintu Camenzuli;

Reġjun Għawdex:-

16.5.8 fejn irringrazjaw lill-Kunsilli Loakli parteċipi fil-Proġett Għawdex tikka tikka, kull tikka storja, kull storja aħna!;

16.5.9 rigward l-inizjattiva Milied Solidali 2025;

16.5.10 rigward Erasmus+ Youth & european Solidarity Corps Online information session;

16.5.11 l-Assoċjazzjoni għall-Kusilli Lokali – Cir AKL 2025/099 – Enemalta - Street Lighting Retrofitting Project;

16.5.12 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex rigward it-tismija ta' Triq Anton F. Attard 1943-2018. Billi t-triq porposta hi parti minn triq li diġa' hi mesemmija Trqi Ġorġ Pisani u li estensjoni tagħha peress li hi trqi waħda. Din it-talba ma tistax tiġi milqugħa u l-Kunsill intalab jissottometti appliakzzjoni għall-prolungament ta' Triq Ġorġ Pisani. Il-membri qablu;

16.5.13 il-Kunsill tal-Fontana fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiġi nstallat arblu b'cctv kamera fuqu fi Triq Santa Dminka li tgħati fuq Triq l-Isptar San Ġiljan fil-Fontana. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

16.5.14 il-*Community Police* fejn il-Kunsill ġie mgġarraf li saru r-rapporti lill-ERA rigward ir-rimi illegali ta' skart mal-ġnien tad-Dawwara fi Triq Kerċem. Is-Sindku qal li dan l-abbuż ilu jsir u qed jikkolabora mad-Direttur ta' Eko-Għawdex sabiex l-iskart jitneħħa spiss;

16.5.15 l-aħwa tal-Avukat Michael Grech li kien inqatel fl-2004. Intbgatu dettalji u ġiet imfakkra l-istorja tal-Avukat Grech. Il-familjari qed jissuġġerixxu li tissemma triq għalih. Il-membri qablu u l-Kumitat għall-Ismijeit tat-Toroq għal Għawdex għandu jiġi mgħarraf b'dan;

Michel Buttigieg ħareġ mill-kamra.

16.5.16 sid 39, Triq l-Assunta fejn aċċetta li teħel bozza ġdida mal-propjeta' tiegħu;

16.5.17 residenti ta' Triq il-Mitħna fejn ressqu petizzjoni ffirmata minn 22 resident li qed jlmentaw dwar applikazzjoni mal Awtorita' tal-Ippjanar PA/05225/25 fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill kien irreġistra bħala third paty representative mal-Awtorita' tal-Ippjanar fuq din l-applikazzjoni. Ir-resdienti, qed jilmentaw rigward id-dance studio mdaqqas li qed jiġi propost bil-konsegwenza li ser joġrloq inkonvenjent tat-traffiku f'din it-triq fejn hemm anke' *bottleneck*. Hawnhekk saret diskussjoni mill-membri presenti.

(i) Il-Viċi Sinkdu ġibed l-attenzjoni li ċempillu residenti u tenna li xi ħadd mill-Kunsill qallu li meta ġiet diskussa din il-materja fil-laqgħa li għaddiet hu ma ħalliex il-laqgħa tkompli bid-diskussjoni qabel jidħol onlajn l-applikant ta' PA/05225/25. Dan m'hu xejn minnu u lanqas kieku ried, ma setax għax il-laqgħa mhux hu jmexxija.

(ii) Is-Sindku qal li t-third party interest il-Kunsill daħlu permezz tal-Perit peress li ġie avviċinat mir-residenti li wrew il-preokkupazzjoni tagħhom. Sadanittant waslet il-pettizjoni li nqrat illum. Din waslet issa peress li min kien qed jieħu ħseibha sfortunatament ħalliena.

(iii) Il-Viċi Sinkdu qal li fl-applikazzjoni qed jintalab sabiex il-garaxx li diġa hemm isir *dance studio.*

(iv) Il-membru Debrincat qal li l-Kunsill ma jistax jidħol fil-privat, pero' la tressqet il-pettizzjoni, il-Kunsill ma jistax jinjorha.

(v) Il-membru Abela qalet li l-Kunsill ma jistax jidħol jiddeċiedi fuq il-privat.

(vi) Il-membru Tabone qal li fil-passat kien hemm talba biex titwessa din il-parti tat-triq.

(vii) Il-membru Schembri qal li t-triq vera hi dejqa imma hemm ħafna telaq u mbarazz mat-triq. Issuġġerixxa li nitlobu traffic management lill-Transport Malta u nitlobu lill-Gvern Ċentrali għat-twessieh tat-triq. Il-membri qablu.

(viii) Is-Sindku għalaq id-diskussjoni u qal li tressqu l-punti kollha tal-membri li kollha huma validi. Qal li l-Kunsill jimxi fuq il-pariri tal-esperti u l-entitajiet konċernati. Il-membri qablu li l-Kunsill jissottoetti n-nota tiegħu lill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn jirrakomandalha sabiex timix mar-regolamenti tagħha fir-rigward ta' din l-applikazzjoni;

16.5.18 l-Avukat Carmelo Galea li kiteb għal-diversi residenti fi Triq l-Imgħallem fejn qed jilmentaw fqu illegalitajiet li qed jagħmlu l-oepraturi ta' Dbunker Var fi Triq l-Imgħallem. Il-membri jaqblu mal-kontenut tal-ittra. L-avukat tal-Kunsill irrisponidiet b'mod li fejn in kwantu ta' infurzar ta' liġi dawn jaqgħu fil-vesti tal-Pulizija. Fejn ikun hemm bżonn appoġġ mill-Kunsill, il-Kusill lest li jagħtih;

16.5.19 persuna li qalet li għamlet ħsara fil-karozza fi Triq Patri Manwel Magri fil-parti li m'hemmx tarmac. Intalbet iġġib kopja ta' rapport tal-Pulizija;

16.5.20 il-ħaddiema tal-Kunsill fejn talbu l-akkumulazzjoni tal-*vacation leave* li baqalhom jiġi trasferit għas-sena d-dieħla. Dan skont.... u ġie approvat;

16.5.21 iċ-ċerman tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki fejn irringrazja l-Kunisll Lokali talli organiżża l-Vintage Motors Festival fit-12 t'Ottubru, 2025 fi Pjazza J F Kennedy;

16.5.22 residenta li rrappurtat li t-taraġ tat-Telgħa tal-Belt qed jerġgħu jiżolqu fih in-nies. L-ilemnt għandu jitressaq lid-Direttorat għal-Wirt Kulturlai fi ħdan il-Minsteruġġal Għawdex u l-Ippjanar;

16.5.23 residenta li ressqet ilmenti rigward l-istat li fih tinsab Triq Wied Żejta, bħal ħaxi xħazin u li l-ilma tal-wied tħammeġ wara x-xita. Il-kunsill ser jara li s-sitwazzoni titranġa u jesplora l-possiblita' li l-area tiġi msemmħa;

16.5.24 il-Gozo Services Manager tal-prgramm Baby & Me.

16.5.25 il-Viċi Sindku ġibed la-ttenzjoni rigward ilpkontraċettivi kontra t-tkattir tal-ħamiem selvaġġ. Is-Sindu qal li l-sipiża titla 'l fuq minn €10,000. Il-Viċi Sinkdu qal li jaqbel li l-Kunsill għandu jinvesti f'dan is-servizz. Il-membri qablu li għandhom jinġabu fondi addizjonali għal dan.

**16.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

16.6.1 Transport Malta (TM) m'approvatx is-servizz ta' parkeġġ riservat personalizzat quddiem 'Babylon' fi Triq Ġużeppi Spiteri.

16.6.2 TM m'approvatx is-servizz ta' parkeġġ riservat personalizzat quddiem 2, ta;-Ingliza, fi Trqi l-Ewropa.

16.6.3 TM approvat *road markings* li jinkludu *keep clear* u *stop* f'daħla li tiżboikka fi Triq ta' Wara s-Sur.

16.6.4 Il-membri qablu li jiġi suġġerit lil TM sabiex fi Triq Wied Żejta ma jsirx parkeġġ in-naħħa tal-wied. Il-emmbri qablu wkoll li tiġi esplorata l-possiblita' li ssir forma ta' bankina elevata u anke' bankijiet sabiex l-*area* tisbieħ.

16.6.5 Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni ta' TM minħabba l-periklu li hemm fil-*junction* ta' Triq l-Ewropa u Triq Viani ma Triq Ġorġ Pisani. Dan wara li din ta' l-aħħar infetħet għat-traffiku.

16.6.6 Il-*Community Police* ġibdet l-attenzjoni fil-bżonn ta' *Stop* immarkatha fl-art fi Triq ta' Wara s-Sur ma Triq Kapuċċini. Għandu jintalab lit-Taqsima tat-Toroq sabiex tiġi mmarkata din l-istop.

Tressqet korrospondenza mingħand:-

16.6.7 ir-rettur ta' Kana fejn intalbu strixxi pedonali quddiem dan iċ-ċentru. TM talbet lill-Kunsill sabiex jindika l-post fejn irid li ssir il-*pedestrian crossing*. Il-Kunsill ser jgħarraf lill-TM li mhux l-entita' kompetenti f'dan il-qasam ma jistax ikun jaf u jiddeċiedi l-post adekwat għall-*pedestain crossing* oħra fi Triq Fortuanto Mizzi;

16.6.8 resident fi Triq Sir Arturo Mercieca fejn ilmenta bil-vetturi tqal li kontinwament jgħaddu minn din it-triq. Bagħat ukoll korrispindenza simili lill-TM. TM talbet lill-Kunisll jipprovdi rotta alternattiva għal dan it-tip ta' traffiku. Il-Kunsill malli tlestiet Triq Sir Arturo Mercieca bit-tarmac, dritt kien kiteb lill-TM sabiex Triq Enriko Mizzi tibqa' *two way* u Triq Vajrinġa ma tibqax *no entry for heavy vehicles* bil-għan li l-vetturi tqal ikollhom alternattiva oħra minn fejn jgħaddu;

16.6.9 resident fejn issuġġerixxa li ssir *box junction* fi Trqi Ninu Cremona kantuniera ma Triq Fortunato Mizzi. Il-membri qablu li din it-talba titressaq quddiem TM sabiex il-*box junciton* issir fejn kienet snin ilu;

16.6.10 St. Francis School fejn intalab parkeġġ riservat fi Triq taħt Putirjal. TM għandha tiġi mgħarrfa b'din it-talba;

16.6.11 il-Victoria Scout Group fejn talbu sabiex issir barrier mal-entaratura tal-*headquarters* fi Triq Santa Dminka. Dan sabiex it-tfal ma jibqgħux ħerġin dritt għat-triq. TM evalwat it-talba u rrimarkat xi affarijet li hemm quddiem il-*headquarters* li jridu jitranġaw, fosthom qsari u tarġiet fuq il-bankina. TM qed tisuġġerixxi u ħarġet il-permess sabiex isir *double yellow line* quddiem il-*headquarters*;

16.6.12 resident u sid ta' negozju fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace fejn ġibed l-attenzjoni li ġranet ilu inżebaħ double yellow line li ħoloqlu nkonvenjent qrib il-garaxx tiegħu peress li ma jistax iħott u jgħabbi u lanqas klijenti ma jistgħu jieqfu jaraw xogħlu. Dan talab *un/loading bay* jew jitranġa s-sinjal għal *single yellow line* jew parti minnu. Is-Sindku qal li daħal f'din il-kwistjoni u qal li jekk jitħassar parti mis-sinjal u jsir one *single yellow line* wisa' ta' trukk, din il-problema għandha tissolva. Il-membru Debrincat ma qablix ma dan is-suġġeriment peress li hu kien issuġġerixxa li jsiru dawn is-sinjali għas it-triq tidjieq. Il-bqija tal-membri preżenti qablu mas-suġġeriment tas-Sindku.

16.6.13 Tressqet talba għall-*un/laoding bay* quddiem ħanut, ex-Gadget fi Triq Fortuanto Mizzi. Il-membri qablu li tiġi konsultata TM sabiex tindika jekk f'din it-triq hemmx diġa' *un/loading bays* li huma biżżejjed għall-ħwienet.

16.6.14 Rigward il-*one way* li għandha ssir fi Triq Sir Luigi Camilleri l-Viċi Sindku qal li kien hemm xi residenti li qalulu li ma kienux jaqblu mal-mod kif ser issir. Il-membri ġew mgħarrfa li dalwaqt jeħlu t-tabelli. Il-*one way* ser issir b'mod li ma jkunux jistgħu jidħlu vetturi minn Trejqet l-Exchange. Fl-2023, il-Kunsill kien ikkonsulta mar-residenti u indikalhom kif ser tiġi. Kien hemm 5 ma qablux (2 mill-istess residenza) u 15 li qablu (tnejn u tnejn mill-istess residenza). Il-*one way* ser isir issa peress li l-padiljun akwatiku ta' Triq l-Ewropa tlesta issa u Triq Duminku Mintoff saret *one way* lejn Triq l-Ewropa.

16.6.15 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa lil-Kunsill għandu jressaq deċiżjonijet ta' TM fuq il-medja soċjali sabiex ir-residenti jkunu jafu aktar bihom. Eżempju hu d-dfeċiżjoni li ttieħedt minn TM fuq l-egħluq ta' Triq Enriko Mizzi minn naħħa ta' Pompei.

## 16.7 Allokazzjoni Annwali

16.7.1 Tressqet Ċirkulari 06/2025 tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja għall- 2026. Is-Sindku tenna li bi pjaĊir iħabbar li barra ż-żieda fl-allokazzjoni ser jinbdew jingħataw €7,000 addizjonali peress li r-Rabat hi lokalita' turistika.

## 16.8 Kumitat Finanzjarju

16.8.1 Tressqet korrispondenza mingħand id-Deiviżjoni għall-Gvern Lokali rigward it-twaqqif ta' Kumitat Finanazjarju fi ħdan il-Kunsill. Dan peress li ASK JCB re;- FSI below 10%.

16.8.2 Il-membri qablu li l-membri ta' dan il-kumitat għandhom ikunu s-Sinkdu, s-Segretarju Eżekuttiv u l-membru Schembri peress li kien is-Sindku preċedenti.

## 16.9 Belt Kapital Ewropea għall-Kultura

16.9.1 Is-Sindku qal li fit-3 ta' Novembru, 2025 resaq flimkien mat-tim artistiku mmexxi mid-Direttur Austin Camilleri u t-tim tal-istrateġija quddiem il-Bord tal-għażla għall-Belt Ulturali Ewropea għas-sena 2031. Tressaq il-*bid book.* Fil-ġurija kien hemm persuni barranini u tlett Maltin fosthom l-Avukat Jose' Herrera li faħħarhom bis-sħiħ fl-aħħar tal-presentazzjoni. Wara l-presentazzjoni tar-Rabat kien hemm dik tal-Birgu. L-għada, fl-4 ta' Novembru, 2025 saret konferenza stampa l-Blet Valletta fejn ġie mħabba li r-Rabat, Għawdex biss għadda għat-tieni fażi sabiex jiġi aġġudikat bħal l-Belt Kulturali Ewropea għas-sena 2031. Din aħbar posittiva ferm. It-titlu għadu mhux mgħoti pero' dan kien pass kbir. Is-Sindku tenna li fl-opinjoni tiegħu l-għażla ta' Autisn Camilleri bħala Direttur Artistiku ma setgħetx tkun aħjar. Anke' l-kap tal-ARC Davinia Galea fejn temexxiet l-istrateġija u t-tħejjija tal-*bid book* innifsu. Rigward proġetti kapitali li jkollhom x'jaqsmu ma' dan it-titlu, il-Ġvern Ċentrali jkun jirrispondi għalihom. Kienet ukoll deċiżjoni għaqlija li l-Fondazzjoni Victoria 2031 talbet l-għajuna u l-pariri ta' Robert Palmer li hu persuna ntiża ħafna f'dan it-titlu, tant hu hekk li kien wieħed mill-fundaturi ta' meta ġie varat dan it-titlu. L-esperjenza tiegħu serviet biex il-persuni li resqu quddiem il-bord ikunu preparati biżżejjed. Il-bid kienet wħada b'saħħitha u l-ġurati qalu li kienet waħda mill-aħjar bids. Is-Sindku żied li ħadd ma stenna li l-Birgu ma jgħaddux għat-tieni fażi u dan iktar ipoġġi lir-Rabat iktar fi pressjoni sabiex jintlaqħaq il-livell għat-tieni fażi.

16.9.2 Dwar il-finazjament, fl-estmi tal-baġit tal-Gvern ġew ivvutati biss mitt elf u dan mhux biżżejjed. Filfatt intalbet laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi sabiex la r-Rabat għadda għat-tieni fażi, jkunu jistgħu jisżdiedu l-fondi tal-gvern. Is-Sinkdu tenna li klujum jiskopri dan it-titlu kemm hu kbir u prestiġjuż għal Beltna.

16.9.3 Is-Sindku qal li hu u Austin Camilleri, ġew mistiedna mill-Kunsill ta' Granada fi Spanja sabiex iżuru din il-Belta li wkoll applikat għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Fi Granada, hu u Camilleri taw dettalji rigward l-applikazzjoni tar-Rabat u anke'l-bid book. Qal li jidhru li qed jagħmlu dak kollu possibli biex Granada tieħu t-titlu minn fost l-applikati Spanjoli. Il-membri qalbu li jekk Granada tiġi *short listed*, il-Kunsill ikun jista' jesplora aktar koperazzjoni ma din il-Belt.

16.9.4 Kuntatt ieħor ġie minn Las Palmas li hi Belt oħra Spanjoli fil-ġżejjer Canary li wkoll applikat għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Se ssir laqgħa online mas-Sindku ta' din il-Belt.

16.9.5 Is-Sindku qal li kien pass posittiv meta l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, fid-diskors tiegħu ta' wara l-baġit ħabbar li l-bini tal-Qorti t'Għawdex ser jingħata lill-Fondazzjoni Victoria 2031 biex minnu tmexxi dan it-titlu. Il-membri qablu li tintbgħat ittra ta' ringrazjament lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar.

16.9.6 Is-Sindku qal li bgħat kopja tal-*bid book* lill-entitajiet mhux governattivi li gandna fir-Rabat fejn anke' rringrazjohom għall-kontribut siewi tagħhom fil-qasam kulturali matul is-snin.

16.9.7 Tressqet korrispondenzamingand il-Gaulitanus Choir fejn ferħu lill-Kunsill tas-suċċess li nkiseb fl-ewwel *bid* li tressqet.

**16.10 *Playing Field***

16.10.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie msejjaħ biex jattendi għal-laqgħa fil-Minsiteru għal Għawdex u l-Ippjanar. Ġie propost li l-Ministeru jiffinanzja l-proġett kollu tal-*playing field* hekk kif ippjanat mill-Kunsill. Il-membri qablu.

16.10.2 Ser jingħataw il-pjanti u d-dettalji kollha u tiġi ffirmata l-*letter of intent* mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdexu l-Ippjanar.

**16.11 Attivitajiet tal-Milied**

Għall-festi tal-Milied il-membri qablu li jiġu organiżżati dawn l-attivitajiet:-

16.11.1 *weekend break* għar-residenti ta' qabel il-Milied bejn il- 5 u s-7 ta' Diċembru;

'Stejjer tal-Milied' fl-14 ta' Diċembru. Għal din l-attivita' nġabu €14,220.50 mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali taħt l-Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025.

16.11.2 kant ta' *carols* madwar it-toroq taċ-ċentru mill-istudenti tal-iskoal Santa Tereża, nhar it-Tnejn,15 ta' Diċembru;

16.11.3 il-kunċert '*Strings for Christmas*' fil-Knisja ta' San Franġisk, bl-għajnuna ta' Jean Noel Attard fis-26 ta' Diċembru. Inġabu fondi mill-Culture Fund fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Waqt din is-serata ssir il-ġabra għall-Istrina li tiġi preżentata wara l-kunċert eżatt fejn fi Pjazza Inidendenza jkun hemm l-attivita' għaddejja.

16.11.4 u l-film tal-Milied għat-tfal li jintwera s-Citadel Cinema fil- ..ta' Jannar, 2026. It-tfal jingħataw *snack* żgħira kull wieħed.

## 16.12 Ġemellaġġ – Jerez de la Frontiera

16.12.1 Is-Sindku qal li l-attivitajiet li saru għall-grupp Spanjol li ġie minn Jerez de La Frontera sabiex jassisti għall-iffirmar tal-ġemellaġġ kienu success. Inġabu fondi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar peremezz tal-fondi għall-attivitajiet kulturali.

16.12.2 Li jmiss hu li fi Frar titla d-delegazzjoni ta' Ċittadini Rabatin f'Jerez de la Frontera. Is-Sinkdu propona li l-kunsiellier u xi ħadd familjari tagħhom ikunu preżenti għall-iffirmar tal-ġemellaġġ fi Spanja. Il-membri qablu.

16.12.3 Tressqet korrispondenza mingand il-Victoria Scout Group fejn irringrazjaw lill-Kunsill Lokali talli tagħhom l-ooprotunita li jiltaqgħu ma scout leaders f'Jerez de la Frotnera.

## 16.13 Rikonixximent – Patrizio Perez Pacheco

16.13.1 Patrizio Perez Pacheco hu l-persuna li skattat l-ideja li jsir dan il-ġemellaġġ. Hu persuna li Għawdex sar it-teni dar tiegħu. Il-membri qablu li fi Frar, 2026, meta l-Kunsill jiffirma l-ġemellaġġ fi Spajna, dan għandu jingħata rikonoxximenti.

## 16.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

16.14.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Novembru 2025, skont dokument A anness.

16.14.2 Id-*Development Planning Fund* bagħtet il-pagament finali tal-proġett li sar mill-kunsill preċedenti tat-tibdil tal-fanali taċ-ċentru tar-Rabat. Il-membri qablu li kuntrattur jitħallas peress li l-Awtorita' tal-Ippjanar ħalset il-pendenzi.

16.14.3 Ġew approvati kontijiet pendenti ta' stampar mingħand BCD graphics. Dawn kienu pendenti peress li ma kienux intbgħtu invoices tagħhom. Dawn ġew verifikati u approvati.

## 16.15 *Performance Bonus*

16.15.1 Il-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-uffiċċju ġie approvat fil-massimu tiegħu.

16.15.2 Il-membru Tabone ħareġ mill-kamra waqt li kien qed jiġi diskuss il-*performance bonus* tal-Assistent Prinċipali Georgine Farrugia minħabba kunflitt ta' nteress.

16.15.3 Il-*performace bonus* tal-ħaddiema tal-*Community Worlkers' Scheme* ukoll ġie approvat.

## 16.16 Xogħolijiet oħra

Il-membri qablu li:

16.16.1 l-membri tal-bord t'aġġudikazzjoni tal-offerta tal-arkeoloġija ta' Pjazza Santu Wistin ikunu:-Simon Gatt, Chairperson, Jonathan Mizzi, il-Perit Steve Scicluna u Fabian Galea, membri u s-Segretarju Eżekuttiv tkun is-Segretarja tal-bord;

16.16.2 ssir bankina ġdida quddiem 'Il-bejta', Triq il-31 ta' Marzu. Dan peress li s-sid talbet li tinbidel peress li miskura;

16.16.3 jintalab lit-Taqsima tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex jitranġaw il-bankini kollha ta' Triq Sir Arturo Mercieca wara li din saret bit-tarmac;

16.16.4 jintalab lill-eko-Għawdex sabiex iħawwel is-siġar li hemm neqsin fil-konok ta' Trqi l-Imgġallem u Triq ta' Wara s-Sur;

16.16.5 jinġabru stimi biex tinxtara photocopier ġdida għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill;

16.16.6 l-grupp ta' żfin ta' Josephine Farrugia jista' jieħu sehem fil-varjeta' tal-Istrina li ssir fi Pjazza Indipendenza l-għada tal-Milied. Dawn talbu li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill mingħajr ħlas;

16.16.7 tinġibed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Oratorju Don Bosco minħabbal-fatt li l-memeri tal-Kunsill ma kienux misitiedna għar-rapreżenmtazzjoni ta' Beauty and The Beast li sare aktar kmieni dan ix-xahar;

16.16.8 jiġi organiżżat kunċert bl-isem 'Peace, a concert during the Christmas Season'. M'għandhomx jinqabżu €300 fi spejjes;

16.16.9 jiġi organiżżat il-Christmas Market, 'Christmas Loading' fi Pjazza San Gorg bejn is-6 u s-7 ta' Diċembru, 2025. M'għandhomx jinqabżu €300 fi spejjes;

16.16.10 għall-Ġimgħa l-Kbira jiġi organiżżat kunċert tal-Ġimgġa Mqaddsa 'Ecce Mater: Hawn hi l-Omm, fil-Knisja ta' Santu Wistin fit-22 ta' Marzu, 2026. M'għandhomx jinqabżu €300 fi spejjes.

**16.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-nofsiegħa u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 7 ta' Jannar, 2025.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv